GĦAQDA MUŻIKALI SAN ĠUŻEPP
GĦAJNSIELEM – A.D. 1928

# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

# 2011

**Il-Ħamis, 20 ta' Jannar 2011**

**<u>Aġenda tal-Laqgħa</u>**

- *Talba mid-Direttur Spiritwali* -
- *Minuta silenzju b'rispett lejn Mons Ġ. Zerafa* -
- *Rapport ta' ħidma mill-Għaqda Każini tal-Baned* -
- *Diskors mill-President* -
- *Rapport Amministrattiv mis-Segretarju* -
- *Rapport Finanzjarju* -
- *Mistoqsijiet lill-Kumitat mill-Membri u Bandisti preżenti* -
- *Emendi fl-Istatut* -
- *Elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid 2011/12* -

# INTRODUZZJONI

**Mill-President Gino Cauchi**

Ħbieb,

Reġgħet għaddiet sena oħra, il-ħames sena minn meta dħalna fit-tmexxija tal-Għaqda Mu\ikali San Ġużepp. Għalkemm forsi nibdew ninsew is-snin ta' qabel, żgur li l-aħħar sena kienet waħda mill-iżjed impenjattiva għal dan il-kumitat, jekk mhux l-aktar. Rajna ħafna proġetti u attivitatijiet li meta dħalna fit-tmexxija tal-Għaqda maħbuba tagħna kienu biss ħolma fil-bogħod iżda llum ħafna minnhom waslu fil-qrib li jitwettqu u jekk l-bambin irid din is-sena neħilsu ħafna minnhom.

Jien żgur mhux ser noqgħod insemmi ħaġa ħaġa dak kollu li rnexxilna nwettqu, iżda ċertu proġetti u attivitatijiet ma nistax ma nsemmihomx. Tkompla x-xogħol fuq il-kamra tal-kumitat fejn issa il-proġett daħal fl-aħħar fażi tiegħu sabiex din is-sena għall-ewwel darba fl-istorja tal-banda tagħna ser naraw l-Arkivju Mużikali fil-Każin sabiħ tagħna. Sar ħafna xogħol fuqu iżda baqa' ħafna xogħol xi jsir. Pero' aħna konvinti li din is-sena ninawgurawh. Is-sala prinċiopali wkoll kif qed taraw tbiddlet mil-lejl għan-nhar fejn minn sala mimlija kaxxi u mbarazz illum saret sala fejn issiru l-attivatajiet mhux biss tal-każin iżda anke tar-raħal tagħna. Din is-sena nisperaw li nlestu x-xogħol fuqha billi nagħmlu proġett ieħor ambizzjuż, dak tas-saqaf u partition sabiex ikollna żewġ swali lesti minn kollox.

Bħala banda erġgħajna ġejna mistiedna biex immorru Sqallija fejn, kif jaf kullħadd, kellna merħba tassew sabiħa mill-kumitat organizzattiv tal-festa ta' San Paolo u mill-poplu kollu ta' Palazzolo. Kull min ġie f'din il-ġita ħa pjaċir ħafna u kellna kollox organizzat salanqas dettal.

Erġajna tajna s-servizzi bħas- sena ta' qabel u żidna ta' Kerċem. Bħal dejjem kull fejn morna ħriġna bl-unuri kollha u tajna servizz mill-aqwa. Għall-ewwel darba saret laqgħa għall-ġenituri tal-alljievi, u kellna tassew attendenza tajba li mlietna bil-kuraġġ għall-ġejjieni. Dawn juruk kemm l-Għajnselmiżi jħobbu tassew l-banda tagħhom.

Sar ħafna xogħol ieħor mil-lat amministrattiv fejn ittieħdu diversi deċiżjonijiet importanti għal aktar tmexxija b'saħħitha u trasparanti. Ma ninsewx li għalkemm qed isiru dawn l-proġetti kollha, il-kelma 'dejn' ma' teżistix fil-vokabularju tagħna għax dak kollu li qed isir dejjem kien fil-miri ta' dak li nistgħu nħallsu. Forsi l-akbar biċċa xogħol li rnexxilu jwettaq dan l-kumitat hu proprju li rebaħ il-fiduċja tan-nies biex kull meta tlabna l-għajnuna din dejjem sibniha, kemm dik finanzjarja u għajnuna oħra li jkun hemm bzonn. Ilħaqna numru rekord ta' membri fejn għandna anke nies li m'humiex minn Għajnsielem u erġgħajna kellna skema Tile4U-Arkivju li qabżet is-somma tal-miri tagħna. Kull hightea u tombla  li organizzajna dejjem kellna attendenza tajba ħafna għaliha. Ma ninsewx li l-akbar biċċa xogħol f'kull proġett hi dik li tiġbor l-finanzi għalih u mhux li twettqu u huwa hawn fejn ħadem bl-akbar għaqal l-kumitat preżenti. Hawnhekk ma nistax ma nsemmix is-sehem li kellna f'Bethlehem f'Għanjsielem li għal darb'oħra kien suċċess kbir.

Kellna ħafna laqgħat u diskussjonijiet ma' baned oħra (anke Maltin) u wara nuqqas ta' ħafna snin ergajna għamilna kuntatt mal-Għaqda tal-Missjunarji ta' San Pawl fejn anke żorna l-qabar tal-fundatur tagħna MONS DE PIRO. Kellna laqgħa kordjali ħafna li tawgura tajjeb għall-futur. Isseħibna wkoll mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji li din żgur fil-futur ser tkun il-forza ewlenija tal-NGOs f'pajjiżna.

Il-Każin baqa' ċ-ċentru ewlieni tar-raħal tagħna fejn sajf u xitwa n-nies jiltaqgħu biex jgħaddu l-ħin tal-mistrieh tagħhom f'ambjent pjaċevoli speċjalment fis-sajf. Organizzajna ħafna attivitajiet u ikliet li f'kollha kellna attendenza tajba. Isgħobijna iżda li mhux dejjem sibna l-koperazzjoni u sens komun minn kulħadd. Aħna dejjem ħrigna l-id tal-ħbiberija u kooperazzjoni fejn anke tajna l-ispazju meħtieġ lill-għaqdiet sabiex itellgħu l-fondi li jkollhom bżonn. Iżda ħażin għalih min jaħseb li bil-banda jagħmel li jrid u dan qed ngħidu b'ċertu responsabilta iżda kollha tafu x'jiġifieri. Ċertu azzjonijiet u kliem (anke personali) sfortunatament jweġġa' iżda kif għedt qabel aħna nemmnu fit-tmexxija nadifa u trasparenti u għalhekk dawn l-azzjonijiet ma jdejquna XEJN.

Ejjew inkomplu naħdmu flimkien biex mhux biss insaħħu l-għaqda tagħna, iżda anke lill-istess raħal u pajjiż tagħna. Għandna kontribut x'nagħtu u dan qed nagħtuh bil-volontarjat. Veru li dan illum mhux faċli iżda ejjew f'din is-sena li propjament hi dedikata lill-volontarjat mill-Unjoni Ewropea nkomplu nagħtu dak li nistgħu biex lil uliedna nħallulhom pajjiż aħjar minn dak li sibna aħna.

Jien fl-ahhar nixtieq nirringrazzja lil kulħadd, lil shabi tal-kumitat, lill-Arċipriet/kleru tal-koperazzjoni li dejjem sibna, lis-surmast, assistent surmast, kummissjoni banda, kumitat tan-nisa, sotto kumitat tal-isnooker, bandisti, membri, poplu in ġenerali u fl-aħħar u mhux lanqas lill-familja tiegħi ta' tant paċenzja li jieħdu. Fuq kollox nirringrazzja lill-MADONNA TA' LORETU PATRUNA TAGĦNA.

# RAPPORT AMMINISTRATTIV 2011

**Mis-Segretarju Kevin Cauchi**

## X'wettaqna matul l-aħħar tnax-il xahar

**Unit tat-trofej u strumenti antiki** fis-sala tal-Arkivju, xogħol maħdum mill-kewba minn Chris Mifsud bi spiża ta' madwar €3,500. Twaħħlu ukoll il-brazzi u tnax-il frame mal-ħitan. Fil-frames ser jitpoġġew sensiela ta' ritratti li juru l-aqwa mumenti fl-istorja tal-Banda tagħna.

**Erba bibien ġodda** li tnejn minnhom jagħtu mill-foyer għas-swali prinċipali tat-tombla u tal-iSnooker filwaqt li sar bieb ieħor mis-Sala tal-iSnooker għall-kċina u bieb ieħor twaħħal mill-kamra tal-Arkivju għat-terrazzin. Il-bibien inħadmu mill-kewba fuq xogħol ta' Tony Muscat. Il-ħġieġ hu tat-tip 'safety glass' u 'double-glazing' maħdum minn Xuereb Glass. L-ispiża totali ta' madwar €5000 tħallset mis-sotto kumitat tal-iSnooker flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv. Sar ukoll restawr tal-bieb prinċipali tal-kamra tal-Arkivju.

**Tlestija tal-aħħar 100 box-file għall-Arkivju** sabiex is-sett ta' 250 kaxxa issa huwa komplut. Ta' min ifakkar li dawn il-kaxxi (xogħol tal-injam minn Toni Galea) inksew kollha bil-ġild (xogħol Mary Debono, Ta' Dbieġi) bi spiża totali ta' €15 kull kaxxa. Fihom ser titpoġġa 80 sena ta' mużika ta' din il-Banda.

**Tinxtara it-tieni snooker-table** mis-sotto-kumitat tal-isnooker fejn issa jistgħu jsiru żewġ logħbiet tat-tournament fl-istess ħin. L-ispiża tammonta għal madwar €4000 u issa s-sala ħadet dehra aktar professjonali.

**Sett ta' 12-il faldrappa** għal mat-twieqi tal-ġenb tal-Każin imżejna b'pittura li turi l-arma tal-eks Presidenti u Surmastrijiet (xogħol artistiku ta' Giovann Cassar) imdawwrin b'ružuni tas-sopraporti għal mat-twieqi. Il-faldrappi ser jikkumplimentaw sitta oħra li żżanżnu s-sena l-oħra sabiex b'hekk it-twieqi kollha tal-każin ser joffru dehra mill-isbaħ fil-Festa. Is-sett kollu ammonta għal spiża ta' €2800 li tħallsu minn lotterija apposta li organizza Pawlu Azzopardi. Ix-xogħol tal-injam ħa ħsiebu Tony Galea filwaqt li Loretu Galea kien inkarigat mid-dwal u l-induratura saret minn Elvin Tabone.

**Skema Tile4U-Arkivju** li ħalliet dħul ta' madwar €4500 sabiex nisponsorjaw parti mill-iskultura li ser tqum madwar €10,000. Il-Kumitat ħareġ ukoll it-shirt tal-Festa li ħalla dħul ta' madwar €300.

**Restawr tal-Madonna tad-Dar** bħala rigal minn din l-Għaqda lill-poplu t'Għajnsielem għall-festa f' ġieħ il-Madonna ta' Loretu. Ir-restawr sar bi spiża ta' €2000. L-istatwa ingħatat merħba nhar il-Ħamis tal-Festa meta l-Banda San Ġużepp akkumpanjat din l-istatwa mill-Knisja l-Qadima sal-Każin.

**Dehra ġdida taħt il-każin** fejn il-bibien tal-garaxxijiet inżebgħu kulur kannella ċar sabiex jikkumplimentaw l-aperturi tal-Każin. Poġġejna wkoll numru ta' qsari sabiex isebbħu l-ambjent ta' quddiem il-garaxxijiet. Ringrazzjament imur għal Ġużeppi Sultana u Pawlu Azzopardi għax-xogħol taż-żebgħa kif ukoll lill-Kunsill Lokali t' Għajnsielem talli pprovda l-pots u qsari.

**CD** ta' marċi brijużi bl-isem 'Il-Ġawhra' taħt id-direzzjoni tas-surmast Sunny Galea.

**Programm tal-Festa b'differenza** fejn għall-ewwel darba, il-banda tagħna kienet akkumpanjata mis-sopran Pamela Agius. Grazzi wkoll lis-Surmast Sunny Galea, l-Ass. Surmast Frankie Debono u l-bandisti kollha li għamlu programm li verament jagħmel ġieħ lill-Għajnsielem.

**Applikazzjoni għall-pannelli fotovoltajiċi** fl-iskema maħruġa mill-gvern ċentrali. Din l-applikazzjoni kienet tirrikjedi sensiela ta' rapporti li saru minn Elvin Tabone flimkien ma' kumpanija speċjalizzata.

**Linfa ġdida** għad-daħla tal-każin sponsorjata mill-Barman Josef Azzopardi. Din ħolqot ambjent isbaħ għal kull min jidħol fil-każin tagħna.

**Sett ta' sitt fannijiet** għas-sala prinċipali sabiex l-attivitajiet soċjali jiġu organizzati f'aktar kumdita'.

**Twaħħil ta' tlett fire-extinguishers ġodda** sabiex ikkollna ambjent b'aktar sigurta'.

**Reġistrazzjoni tal-art tal-Każin** għaliex il-propjeta tal-Banda għad-Dipartiment tal-Artijiet kienet għadha tidher taħt il-joint-office. Sabiex sar dan, ġew ordnati l-kuntratti oriġinali tax-xiri tal-art ta' dan il-Każin minn Nutara Maria Vella Magro u qabbadna lill-Perit Joe Dimech jagħmel siteplan ġdida tal-art.

**Reġistrazzjoni ta' din l-għaqda mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji** sabiex ningħataw status legali, niġu ntitolati għal għajnuna finanzjarja li jista jkun hemm mill-Gvern jew minn entita' relatata u nkunu benefiċarji għal kull politika mill-Gvern li tappoġġa l-volontarjat.

**Internet b'xejn** bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali u l-barman sabiex illum, kemm f'dan il-każin kif ukoll fit-terrazżin għandna aċċess għal-wireless internet (wi-fi) mingħajr ħlas.

**Atmosfera isbaħ matul il-Milied** fejn inxtara aktar tiżjin ġdid għall-entratura u l-foyer

**Għamara ġdida fl-uffiċju tal-Kumitat** sabiex l-ispazju limitat tal-uffiċċju jintuża aħhar. Grazzi lil Tony Galea li ħadem ix-xogħol tal-injam mingħajr ebda ħlas.

**Pubblikazzjoni tal-Festa** – ktieb ta' 170 paġna li jħabbatha mal-aqwa kotba ta' Baned Maltin

---

# Attivitajiet organizzati mill-Kumitat Eżekuttiv fl-2010

| | |
|---|---|
| **Il-Ġimgħa, 5 ta' Marzu** | Laqgħa Ġenerali 2010 |
| **L-Erbgħa, 24 ta' Marzu** | Ħsieb spiritwali minn Fr Joe Cardona lill-Bandisti u Membri |
| **Il-Ħadd, 28 ta' Marzu** | Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa |
| **It-Tlieta, 30 ta' Marzu** | Qrar fil-Każin ma' Fr. Joe Cardona |
| **Il-Ġimgħa, 2 ta' April** | Via Sagra ma' Fr. Joe Cardona fl-għolja ta' Għammar, Ta' Pinu |
| **Is-Sibt, 1 ta' Mejju** | Quddiesa fiċ-ċimiterju għall-Bandisti mejtin |
| **Is-Sibt, 8 ta' Mejju** | Il-Kumitat itellgħa stand tal-ikel fin-Notte Gozitana bħala fundraising |
| **Il-Ħadd, 27 ta' Ġunju** | Mawra ta' 4 t' ijiem ġewwa Palazzolo Acreide, Sqallija |
| **Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju** | 'An evening with St. Joseph Band' – attivita għall-barranin li jgħixu fostna. |
| **Il-Ħadd, 22 ta' Awwissu** | Open Day - Esebizzjoni ta' skultura tal-Arkivju, ftuħ ta' swali għal pubbliku u serata mużikali bl-alljievi, talenti lokali u l-grupp 'Cash & Band' |
| **It-Tlieta, 24 ta' Awwissu** | Programm Vokali u Strumentali fil-Pjazza Madonna ta' Loretu |
| **It-Tnejn, 30 ta' Awwissu** | Ikla ta' wara il-Festa – Pasta Buffet fil-Każin |
| **Is-Sibt, 23 ta' Ottubru** | Ġita Ħal-Qormi għall-attivita' Lejl f'Casal Fornaro |
| **L-Erbgħa, 1 ta' Diċembru** | Laqgħa mal-ġenituri tal-Alljievi u Bandisti Aspiranti |
| **Il-Ġimgħa, 3 ta' Diċembru** | Laqgħa fil-Każin tagħna mal-Kumitat tal-Banda tal-Karmnu, Balluta |
| **Is-Sibt, 4 ta' Diċembru** | Parteċipazzjoni fil-presepju ħaj ta' Bethlehem f'Għajnsielem |
| **Il-Ħadd, 17 ta' Diċembru** | Ikla tal-Milied għall-Bandisti, membri u ħbieb fil-Country Terrace |
| **Il-Ħadd, 19 ta' Diċembru** | Wirja tal-presepji bil-kolaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Għajnsielem |
| **Il-Ħadd, 9 ta' Jannar** | Laqgħa mas-Soċjetà ta' San Pawl u mal-Kumitat tal-Banda tal-Karmnu |

***Saru wkoll diversi Coffee Mornings, High Teas u Tombla organizzati mill-Kumitat tan-Nisa.***

# Pjan 2011

## L-Arkivju Mużikali u l-Kamra tal-Kumitat

Għalkemm kienet xewqa kbira ta' dan il-Kumitat li l-Arkivju Mużikali jkun inawgurat fil-festa tal-2010, dan ma setax ikun possibbli minħabba li x-xogħol ta' skultura li qed tinħadem mill-bravu skultur Wenzu Grima ta' Ħal Qormi ma kienx ser ikun lest. Dan għaliex, fuq parir tal-Qormiż Silvio Pace, ix-xogħol ta' skultura fuq l-Arkivju żdied fejn issa il-ward huwa ferm aktar elaborat mid-disinn oriġinali. Kellna għażla quddiemna; jew ninawguraw l-Arkivju b'xogħol mhux komplut jew nissaportu ftit tax-xhur oħra. Iddeċidejna għalhekk li nitfgħu l-enerġija kollha tagħna għall-inawgurazzjoni tal-Arkivju għas-sajf 2011. Nassigurakhom li kulħadd ser ikun sodisfatt bir-riżultat finali. Il-pjan tal-Kumitat għax-xhur li jmiss hu:

- Titpoġġa l-istorja u l-aqwa mumenti tal-Banda fit-tnax-il frame li hemm mal-ħajt
- Jitpoġġew l-inkwadri tal-Presidenti u Surmastrijiet
- Fil-faċċata tal-arkivju ser jitpoġġa arloġġ tradizzjonali Malti indurat bid-deheb
- Titpoġġa l-mużika fil-box-files tal-Arkivju

Ser issir ukoll sistema ta' *insulation* fis-saqaf tal-kamra tal-Arkivju sabiex is-suffitt tal-kewba jiġi protett mill-elementi naturali. Din ser tinvolvi spiża ta' madwar €1000. Diġa' qabbadna espert f'dan il-qasam li ser jieħu ħsieb ix-xogħol kollu neċessarju. Dan sabiex nipproteġu l-kamra għall-ġenerazzjonijiet futuri.

## Is-Sala Prinċipali u l-iSnooker Hall

Grazzi għas-suċċess tal-attivita Bethlehem f'Għajnsielem u l-ħidma intensiva ta' dan il-kumitat sabiex jinstab store adekwat għall-bar, illum għandna żewġ swali li għalkemm għadhom mhux lesti, diġa' taw dehra ferm aħjar lill-każin tagħna. Ma ninsewx li sal-2009, qabel ma akkwistajna l-garaxx ta' taħt il-bar, is-sala kienet okkupata bl-istokk tal-bar u kellna palk li kien ilu ma jintuża snin twal. Il-Kumitat Eżekutiv flimkien mal-kumitat tal-isnooker iddeċieda li kull dħul li jsir mill-attivita' ta' Bethlehem f'Għajnsielem tmur għal dawn iż-żewġ swali. S'issa tneħħa l-palk, sar xogħol ta' struttura sabiex infetaħ bieb ieħor u tressqet tieqa, tpoġġa madum ġdid, għaddejna sistema ta' dawl ġdida u saru tlett bibien tal-kewba. Inxtrat it-tieni snooker table, sett fannijiet tal-ħitan u sar refurbishment tal-imwejjed u s-siġġijiet. Is-sala prinċipali, meta tkun kompluta, għanda potenzjal li tibda tinkera għall-konferenzi, parties u attivitajiet soċjali. Fil-fatt, ftit tax-xhur ilu, kumpanija privata kriet is-sala sabiex torganizza seminar għal 80 persuna. Din l-istess kumpanija diġa' kkonfermatilna li ser terġa' tikri s-sala aktar tard din is-sena.

Wara s-suċċess kbir li kellna fit-tielet edizzjoni ta' Bethlehem Għajnsielem, il-Kumitat Eżekuttiv iddeċieda li jagħti spinta kbira sabiex nlestu darba għal dejjem dawn is-swali. Għalhekk aktar tard din is-sena ser jinħarġu l-offerti sabiex isir ix-xogħol kollu tal-gypsum u b'hekk jitlesta s-suffitt taż-żewġ swali, il-partition ta' bejniethom u n-niċċa tal-Madonna tad-Dar. Minbarra d-dħul ta' Bethlehem f'Għajnsielem u l-finanzi tas-sotto-kumitat tal-isnooker, il-Kumitat Eżekuttiv lest li joħroġ is-sehem tiegħu wkoll sabiex ix-xogħol jitlesta kemm jista' jkun malajr u nibdew proġetti oħrajn. Bħalissa għaddejjin b'konsultazzjoni mal-interior designer Paul A. Stellini sabiex naraw x'inhu l-aħjar materjal li jintuża u kif għandu jitkompla x-xogħol. Il-filosofija ta' dan il-kumitat kienet, għadha u ser tibqa l-istess... dak li ser nagħmlu jsir darba u jsir sew.

## Sopraporta tal-Bieb Prinċipali

Wara li tlestew il-faldrappi u sopraporti tat-twieqi kollha tal-Każin għall-perjodu tal-Festa, il-faċċata ser tkompli tisbieħ b'sopraporta kbira fid-daħla prinċipali tal-Każin. Il-pavaljun, is-sopraporta u l-induratura ser iqumu madwar €3000 li ser jitħallsu minn lotterija apposta li qed jorganizza Pawlu Azzopardi. Ta' min isemmi li nofs din l-ispiża diġa' hija miġbura.

## Kiri tal-Bar

Wara li skada t-terminu ta' tlett snin, din is-sena nħarġu t-tenders għall-kiri mill-ġdid tal-Bar tal-Każin. Kien hemm biss offerta waħda li kienet dik ta' Josef Azzopardi fejn reġa' ġie magħżul sabiex imexxi l-Bar għat-tlett snin li ġejjin. Tajjeb hawnhekk insemmu li apparti l-kirja annwali li jħallas, lil Josef Azzopardi dejjem sibnih ta' għajnuna kbira f'kull attivita' li organizzajna. Apparti li żamm il-każin ħaj fis-sajf billi ġab numru ta' bands, xtara l-linfa fid-daħla tal-każin u investa *f'generator* sabiex ma jkunx hemm qtugħ tad-dawl ġol-każin. Il-Kumitat Eżekuttiv jawguralu kull suċċess għat-tlett snin li ġejjin.

## Bethlehem f'Għajnsielem

Kulħadd jaqbel li t-tielet edizzjoni tal-presepju ħaj Bethlehem f'Għajnsielem kienet suċċess kbir. Għal darb'oħra l-Banda kienet responsabbli mill-forn fejn kellna dħul ta' kważi €7,500. Din is-sena kellna wkoll servizz tal-Banda għaċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-presepju. Il-Kumitat Eżekkutiv jixtieq jirringrazzja lill:

- Frank Buttigieg u l-familja tiegħu kif ukoll lil Rodney Attard li animaw il-forn b'dedikazzjoni kbira matul ix-xahar kollu ta' Diċembru.
- Elvin Tabone, Kevin Cauchi u Josef Azzopardi li żammew il-forn fornut b'kollox
- L-ushers u dawk kollha li żammew il-kju mad-daħla tal-forn kull meta kien hemm l-animazzjoni fosthom lil Frankie Cutajar, Joseph Sciluna, Ċensu Galea u s-safety team.
- Dawk kollha li taw is-sehem tagħhom waqt il-bini fosthom Joe Galea u Pawlu Azzopardi.
- Lill-Kunsill Lokali u l-voluntiera kollha tal-Fondazzjoni Bethlehem f'Għanjsielem, b'mod partikulari lil Franco Ciangura tal-opporunita' li jagħtuna sabiex inkunu parti mis-suċċess ta' dan l-avveniment uniku.

L-Għaqda Mużikali San Ġużepp tawgura li dan l-avveniment jibqa' jkompli jikber u jkun suċċess.

## Nibnu Relazzjonijiet ma' Baned u Soċjetajiet oħra

Kienet dejjem ix-xewqa ta' dan il-Kumitat li nibnu, intejbu u nkabbru r-relazzjoni tagħna ma' organizazzjonijiet oħra kemm fuq bażi nazzjonali kif ukoll internazzjonali.Ma nistax ma' nibdiex billi nsemmi r-relazzjonijiet mill-aqwa li jeżistu bejn il-Banda tagħna u l-Kumitat tal-Festi ta' Palazzolo Acreide fejn għat-tieni sena konsekutiva ġejna nvitati ndoqqu Sqallija għall-Festa ta' San Pawl fejn ħriġna bl-unuri kollha. Fuq bażi lokali, hemm il-ħsieb li jsir ġemelaġġ bejn il-Banda tagħna u l-Banda tas-Socjeta' Mużikali tal-Karmnu, Balluta. Wara numru ta' laqgħat bejn il-kumitati rispettivi, l-Banda tagħna ġiet invitata li tieħu sehem f'programm mużikali f'San Ġiljan aktar tard din is-sena. Għamilna wkoll kuntatt mas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl fejn sar qbil li jsiru numru ta' attivitajiet u skambji kulturali bejnietna filwaqt li ġejna mitluba nagħtu s-sehem tagħna fil-kawża tal-Bejatifikazzjoni ta' Mons Ġużeppi De Piro li huwa wkoll il-fundatur tal-Banda tagħna. L-Għaqda Mużikali ta' San Girgor ta' Kerċem is-sena l-oħra stiednet għal-ewwel darba l-Banda tagħna tieħu sehem f'wieħed mill-aktar marċ brijuż li għandom fil-Festa tal-Madonna tas-Sokkors. Il-Banda ta' San Pawl wkoll offriet li jsir skambju ta' servizz bejn iż-żewġ baned. Diskussjonijiet ma' din il-banda għadhom għaddejjin.

Sfortunatament, mhux dejjem nistgħu nirreċirppokaw is-servizz li jingħatalna ma' servizz ieħor simili speċjalment matul il-Festa tagħna. Dan għaliex l-attivitajiet esterni jaqgħu taħt ir-responsabilita' tal-Kumitat tal-Festa. Il-Banda hija membru ta' dan il-Kumitat iżda b'dispjaċir ngħid li dan l-istess kumitat is-sena l-oħra iltaqa' biss darba, ftit ġranet qabel il-Festa. Ma ninsewx li festa mingħajr banda mhix festa u għalhekk il-Banda għandu jkollha sehem ewlieni sabiex inkomplu nkabbru l-Festa tagħna.

## L-Alljievi – Il-Futur tal-Banda tagħna

Bħalissa n-numru ta' bandisti aspiranti u alljievi li qed jattendu għal-lezzjonijiet jammonta għal 22. Minn dawn 5 diġà bdew idoqqu filwaqt li 17 huma alljievi. Ringrazzjament speċjali jmur għall-għalliema Toni Galea, Joe Galea u Frankie Debono li jiddedikaw il-ħin liberu tagħhom jgħallmu lill-alljievi u bandisti

aspiranti. L-alljievi ingħataw opportunita' juru t-talenti tagħhom waqt Open Day li saret il-Ħadd ta' qabel il-Festa. Għall-ewwel darba, fl-1 ta' Diċembru saret ukoll laqgħa bejn l-għalliema, il-ġenituri u l-istudenti fejn ġew diskussi diversi problemi u idejat ġodda. Ma ninsewx li dawn huma l-futur tal-banda u għalhekk jistħoqqilhom importanza kbira.

## Servizzi

Matul l-2010, il-Banda San Ġużeppp ħadet sehem fi tlieta u tletin servizz. Dawn huma:

| | | |
|---|---|---|
| **26 ta' Marzu** | Purċissjoni tad-Duluri | Għajnsielem |
| **31 ta' Marzu** | Kunċert ta' Mużika Sagra | Għajnsielem |
| **2 ta' April** | Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | Nadur |
| **24 ta' April** | Recording ta' marċi ġodda | Għajnsielem |
| **9 ta' Mejju** | Purċissjoni festa San Ġużepp | Għajnsielem |
| **12 ta' Ġunju** | Marċ - Festa Sant Antnin | Għajnsielem |
| **13 ta' Ġunju** | Purċissjoni - Festa Sant Antnin | Għajnsielem |
| **26 ta' Ġunju** | Marċ u programm - Festa San Ġwann il- Battista | Xewkija |
| **27 ta' Ġunju** | Marċ - Festa San Pawl Palazzolo Acreide | Sqallija |
| **28 ta' Ġunju** | Marċ - Festa San Pawl Palazzolo Acreide | Sqallija |
| **29 ta' Ġunju** | Programm - Festa San Pawl Palazzolo Acreide | Sqallija |
| **8 ta' Lulju** | Marċ – Festa Madonna tas-Sokkors | Kerċem |
| **18 ta' Lulju** | Marċ u programm – Festa ta' San Ġorġ | Victoria |
| **24 ta' Lulju** | Marċ – Festa Santa Margerita | Sannat |
| **31 ta' Lulju** | Marċ – Festa San Ġużepp | Qala |
| **7 ta' Awwissu** | Programm – Festa San Lawrenz | San Lawrenz |
| **15 ta' Awwissu** | Marċ u Programm – Festa Santa Marija | Victoria |
| **22 ta' Awwissu** | Open Day – Programm mill-aljievi | Għajnsielem |
| **23 ta' Awwissu** | Marċ – Ħruġ tal-Istatwa tal-Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| **24 ta' Awwissu** | Marċ u Programm f'Jum il-Banda | Għajnsielem |
| **26 ta' Awwissu** | Marċ – Festa Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| **27 ta' Awwissu** | Marċ tad-Dimostrazzjoni-Festa Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| **28 ta' Awwissu** | Marċ tat-Translazzjoni – Festa Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| **28 ta' Awwissu** | Marċ ta' Lejlet il-Festa – Festa Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| **29 ta' Awwissu** | Marċ – Jum il-Festa tal-Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| **29 ta' Awwissu** | Purċissjoni – Festa tal-Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| **29 ta' Awwissu** | Marċ ta' Għeluq il-Festa tal-Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| **7 ta'Settembru** | Marċ Lejlet il-Festa Marija Bambina | Xagħra |
| **31 ta' Ottubru** | Bandisti jingħaqdu f'Mass Band ma' Baned Ġużeppini | Ħamrun |
| **14 ta' Novembru** | Fanfarra – Jum it-Tifkira – Monument tal-Gwerra | Għajnsielem |
| **4 ta' Diċembru** | Marċ fl-inawgurazzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem | Għajnsielem |
| **9 ta' Diċembru** | Marċ – Festa Liturġika tal-Madonna ta' Loretu | Għajnsielem |
| **24 ta' Diċembru** | Purċissjoni – Manifestazzjoni bil-Bambin tal-Milied | Għajnsielem |

## Kunċerti

Saru 43 kunċert. Din il-lista turi l-attendenza tal-aktar bandisti li attendew kunċerti. Prosit tassew!

| Nru. | Isem | Numru ta' kunċerti li attendew |
|---|---|---|
| 1. | Susan Cassar | 43 |
| 2. | Loretu Galea | 42 |
| 3. | Tony Galea | 41 |
| 4. | Robert Cowley | 38 |
| 5. | Wenzu Ciangura | 37 |
| 6. | Joseph Galea | 36 |
| 7. | Joseph Debono | 35 |
| 8. | Mario Vella | 35 |
| 9. | Louis Grima | 34 |

*Sfortunatament kien hemm 4 bandisti li QATT ma ġew kunċert u 5 bandisti attendew 5 kunċerti jew anqas.*

*Niftakru li t-tagħlim hu ċ-ċavetta tas-suċċess!*

# Ringrazzjamenti

Lid-Direttur tal-Każin **Pawlu Azzopardi** tal-ħin, dedikazzjoni u għajnuna li jagħti sabiex ikollna każin mill-isbaħ. Lil Pawlu dejjem issibu għaddej fuq xogħol ta' manutenzjoni, tindif, żebgħa, għajnuna waqt it-Tombla u High Teas u diversi xogħolijiet oħra.

Lill-President Onorarju, **Dun Karm Cassar** li bħas-snin l-imgħoddija kien il-magna sabiex il-pubblikazzjoni tal-Festa tkun suċċess.

Lil **Peppi Grima** u **Fredu Xuereb** u **Wenzu Ciangura** tax-xogħol ta' manutenzjoni u **Ġużeppi Sultana** li dejjem lest biex jgħin fejn jidħol xogħol ta' żebgħa.

Lill-Kumitat tan-Nisa speċjalment lil **Esmelia Sciberras**, **Sunta Grech** u **Lucy Grima** għall-attivitajiet ta' fundraising li ta' kull ġimgħa jorganizzaw. Grazzi wkoll lil **Mabbli Xuereb** u **Pawlu Azzopardi** li kull nhar ta' Sibt jgħinu fil-High Teas u Tombla.

Lil **Loretu Galea** tax-xogħol li jagħmel minn wara l-kwinti

Lil **Dr Ray Bondin** li kien strumentali sabiex il-Banda tagħna terġa ddoqq f'Sqallija

Lin-Nutara **Josepha Xuereb** tas-servizz legali li tatna mingħajr ħlas.

**Toni Galea**, **Joe Galea** u **Frankie Debono** li jiddedikaw ħafna mill-ħin liberu tagħhom jgħallmu lill-alljievi u bandisti aspiranti.

Lil **Lelio Spiteri, Lorietta Buttigieg u Josepha Xuereb** talli dejjem aċċettaw l-istedina tagħna li jippreżentaw il-Programm tal-Festa u Mużika Sagra bħala *compere*

Lil **għajnsielem.com** li toffrilna servizz ta' website, email u updates mingħajr ħlas.

Lill-**Arċipriet** u **kleru** kif ukoll lid-direttur spirtwali **Fr. Joe Cardona**

Lil **Ġużeppi Cauchi** tal-*proofing* għall-artikli tal-magazine tal-Festa

**Toni Galea u Joseph Camilleri** tax-xogħol bla ħlas li għamlu fl-injam.

**Salvina Zammit**, **Rose Camilleri**, **Ġuża Vella** u **Rożina Azzopardi** għat-tindif fil-każin.

**Paul Stellini** għad-disinji u pariri ta' interior design tas-swali l-ġodda.

Lill-**Kunsill Lokali Għajnsielem** tal-għajnuna waqt l-Open Day u servizzi li tagħna.

Lis-**Sotto-Kumitat tal-iSnooker** tal-fundraising għas-sala prinċipali u l-iSnooker Hall

Lis-**Surmast Sunny Galea** li jmexxi lill-Banda b'mod professjonali u b'dedikazzjoni kbira.

Lil dawk kollha li taw donazzjoni b'riżq l-proġetti li hemm għaddejjin fil-Każin.

Lill-membri kollha tal-**Kumitat Eżekuttiv** tas-servizz li jagħtu lil din is-Soċjeta'.

Lill-**Bandisti** kollha għad-dedikazzjoni li jagħtu lil din is-Soċjeta' u lil Għajnsielem.

**LIL MONSINJUR ĠUŻEPPI ŻERAFA**
**ta' dak kollu li għamel għall-Għaqda Mużikali San Ġużepp bħala Arċipriet, membru tal-Kumitat u President Onorarju. Grazzi ta' kollox Mons! Strieħ fil-paċi Mal-Mulej.**